DANIEL GRAVINO
LETTUR ANZJAN FID-DIPARTIMENT TAL-EKONOMIJA,
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA

## X'inhi l-problema?

Il-prestazzjoni tal-ekonomija Maltija fis-snin riċenti kienet waħda mill-aħjar fl-Unjoni Ewropea.[1] Bilfors illi hemm diversi aspetti tal-ekonomija Maltija li jiffunzjonaw tajjeb, kemm jekk wieħed iħares fit-tul u anki jekk naraw x'ġara f'dawn l-aħħar ftit snin.

Pereżempju, jekk inqabblu lil Malta ta' għoxrin sena ilu mal-Italja ta' dak iż-żmien, xi ħaġa li wħud minna konna faċilment nagħmlu mir-riklami fuq it-televixin Taljan, konna nħossu li għadna lura. U hekk kien. Fl-2003, il-Prodott Domestiku Gross (PDG) ras għal ras (magħruf aħjar bħala *GDP per capita*) kien jammonta għal €12,000 fil-każ ta' Malta u €24,000 fil-każ tal-Italja. Illum żgur li mhuwiex il-każ. Fl-2023, il-*GDP per capita* ta' Malta kien €35,000, l-istess bħal dak tal-Italja.

U jekk inqabblu l-prestazzjoni tal-ekonomija Maltija ma' dik ta' ekonomiji oħra waqt il-perjodu tal-COVID-19, jew fil-bidu tal-gwerra bejn ir-Russja u l-Ukrajna, insibu

1 Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji (2024), *European Economic Forecast*, Spring 2024, Institutional Paper 286. Brussell.

li l-ekonomija Maltija kienet pjuttost reżiljenti, filwaqt li ħafna ekonomiji oħra għaddew minn żminijiet ferm aktar diffiċli.

Iżda, fl-istess waqt, jeżisti sentiment ta' dwejjaq fuq diversi aspetti: ħinijiet twal fit-traffiku, bini eċċessiv, bajjiet iffollati, u ħafna oħrajn. Biżżejjed wieħed jiftaħ il-gazzetti biex ta' kuljum isib artikli dwar dan is-suġġett. Dan id-dwejjaq żgur illi jista' jiġi parzjalment attribwit għall-konsegwenzi ta' mudell ekonomiku b'dipendenza qawwija fuq tkabbir fil-popolazzjoni, u li jipprijoritizza tkabbir fid-dħul finanzjarju tal-familji Maltin fuq aspetti oħra li fuqhom jiddependi l-benesseri tal-Maltin stess.

Allura bilfors illi wieħed jistaqsi: il-mudell tal-ekonomija Maltija jista' jkun aħjar? X'nistgħu nagħmlu differenti? Filħsieb qasir li ser naqsam hawnhekk, se niffoka fuq aspett wieħed biss: il-PDG. Il-kunċett huwa limitat għax, filwaqt li jaqbad il-benesseri li jirriżulta mid-dħul finanzjarju, jinjora l-istandards ambjentali, il-kuntentizza, eċċetra. It-tama hija li, jekk ikollna mudell ta' tkabbir ekonomiku iktar sostenibbli, l-aspetti l-oħra jitjiebu wkoll.

## Il-mudell eżistenti

L-istudju tal-ekonomija jgħallimna li hemm tliet fatturi li jistgħu jikkontribwixxu għat-tkabbir ekonomiku ta' pajjiżna: ir-riżorsi umani; l-investiment fil-kapital; u titjib fil-produttività.

Meta nħarsu lejn dawn l-aħħar għaxar snin, insibu li l-fattur li kkontribwixxa l-iżjed għat-tkabbir tal-ekonomija Maltija kien proprju ż-żieda fir-riżorsi umani – ħafna minnha riżultat ta' barranin li nġiebu Malta sabiex jaħdmu.[2] Ċifri ppubblikati minn Jobsplus juru li l-ħaddiema barranin

2 Bank Ċentrali ta' Malta (2023), *Fifty-Sixth Annual Report and Statement of Accounts 2023*.





żdiedu minn 12,000 fl-2011 għal 85,000 fl-2022.[3] F'ċertu sens, ir-riċetta għat-tkabbir ekonomiku kienet sempliċi: żid il-popolazzjoni sabiex iżżid il-produzzjoni.

Din l-istrateġija kellha l-benefiċċji tagħha: opportunitajiet biex nitgħallmu minn immigranti ta' ħiliet għolja, żieda fid-diversità kulturali, domanda għal kiri ta' djar vojta, u ħafna iktar. Imma jinkwetawni żewġ aspetti dwar dan il-mudell.

L-ewwel, it-tkabbir ta' ekonomija bbażat fuq tkabbir fir-riżorsi umani jfisser li dħul nazzjonali akbar jiġi maqsum bejn numru akbar ta' individwi. Fil-fatt, hekk kif il-PDG kiber b'6%, il-PDG ras għal ras kiber bi 3%. Għall-benesseri materjali tal-individwi, huwa dan tal-aħħar li jgħodd.

It-tieni, x'aktarx mhux possibbli, u forsi mhux mixtieq, li l-ekonomija Maltija ssostni r-rata ta' tkabbir tal-immigrazzjoni li kienet tipprevali fil-passat riċenti.

Mingħajr dubju, kull strateġija li tħares 'il quddiem se tirrikjedi u tibbenefika mill-kontribut ta' ħaddiema barranin. Iżda ż-żieda qawwija fid-densità tal-popolazzjoni fi żmien tant qasir wassal sabiex il-mudell ta' ekonomija bbażata fuq l-immigrazzjoni ma jibqax sostenibbli.

## X'jista' jsir?

L-idea li l-ekonomija tista' tikber biss billi nkabbru l-popolazzjoni – idea prevalenti matul dawn l-aħħar snin – hija żbaljata. Ir-riżorsi umani huma element importanti fir-riċetta tat-tkabbir ekonomiku, iżda mhumiex l-uniku. Huwa possibbli li, pereżempju, din is-sena jkollna l-istess numru ta' ħaddiema bħalma kellna s-sena l-oħra, iżda nipproduċu iżjed sempliċiment għax il-ħaddiema jkunu tejbu l-ħiliet tagħhom. Jew li nipproduċu iżjed għax l-istess

3 Ellul, D. (2023, Jannar 16). 'Non-EU workers increase tenfold in a decade to top 50,000'. *Times of Malta*. https://timesofmalta.com/article/noneuropean-workers-increase-tenfold-decade.1007631

nies jiġu mħaddma f'setturi li jagħmlu użu aħjar tal-ħiliet tagħhom. Jiġifieri t-tkabbir ekonomiku jista' jkun riżultat ta' titjib fil-produttività u idealment hekk għandu jkun.

Tkabbir ta' dan it-tip fuq skala nazzjonali mhuwiex xi ħaġa faċli. Il-kelma "produttività" saret buzzword li forsi għal xi wħud m'għadhiex tfisser wisq. Iżda llum iktar minn qatt qabel faċli nifhmu kif dan it-titjib jista' jsir. Biżżejjed insemmu l-għajnuna li xi professjonijiet igawdu minnha permezz ta' ChatGPT. Dak li qabel kien jeħdilna ġurnata biex nagħmluh, illum jieħu biss siegħa jew tnejn.

L-istess raġunament japplika jekk il-ħaddiema f'oqsma differenti jkomplu jitħarrġu u jtejbu l-ħiliet tagħhom. Sintendi, dan waħdu mhux biżżejjed. Irridu wkoll li ninvestu, u nattiraw investiment barrani, sabiex jinħolqu impjiegi li jagħtu l-opportunità lil dawk li jispeċjalizzaw f'xi qasam jew ieħor sabiex ikunu jistgħu jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-ħiliet tagħhom. Pereżempju, inutli jkollok gradwat fl-intelliġenza artifiċjali jekk imbagħad jispiċċa jaħdem fi rwol amministrattiv.

Naħseb li dan huwa l-pass li jmiss għall-ekonomija Maltija. Irridu naqbdu dawk is-setturi li aħna b'saħħitna fihom u nsibu mod kif nużaw dak l-għarfien sabiex f'dawn is-setturi nibdew nagħmlu x-xogħlijiet li jwasslu għall-ogħla valur miżjud. Dan japplika wkoll għal setturi li ta' spiss inqisuhom il-muturi tal-ekonomija Maltija, bħalma huwa s-settur tas-servizzi finanzjarji.

## Kif jitqassam il-ġid

Fl-istess ħin, irridu niżguraw li kulħadd jibbenefika mill-ġid li noħolqu. Il-ġid finanzjarju li jirriżulta mit-tkabbir ekonomiku ma jistax ikun sostenibbli jekk ma jinqasamx b'mod ekwu. Soċjetajiet ikkaratterizzati minn inugwaljanzi ekonomiċi spiss jesperjenzaw livelli ogħla ta' frustrazzjoni





u diżillużjoni, li jistgħu jimmanifestaw f'instabbiltà politika u konflitt soċjali. F'pajjiż żgħir bħal tagħna, dan mhux biss jaffettwa l-kwalità tal-ħajja għal dawk li jinsabu fil-faxxa t'isfel tas-soċjetà, iżda wkoll tal-kumplament.

## Inħarsu 'l quddiem

Pjan fit-tul għall-ekonomija Maltija jeħtieġ li jkun ibbażat fuq il-progress teknoloġiku u titjib fil-produttività, megħjun minn tkabbir moderat – mhux eċċessiv – fin-numru ta' ħaddiema barranin sabiex jimtlew lakuni kritiċi fil-ħiliet. Dan ifisser li rridu nipproduċu aktar bir-riżorsi umani eżistenti. Hekk għamilna fil-passat, u hekk nistgħu nerġgħu nagħmlu mill-ġdid.